**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex**

**SEBA' LEĠISLATURA**

# Laqgħa Numru 51

**7 ta' Diċembru, 2016**

**Il-Kunsilli Lokali ta' Ta' Xbiex Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Highrise Appartments Triq l-Imradd Ta' Xbiex XBX1150, fis-6.30 ta' filgħaxija.**

**PREŻENTI:**

**Max Zammit – Sindku**
**Ronald Portelli – Viċi Sindku**
**Frank Roe – Kunsillier**
**Eugenio Muscat – Kunsillier**
**Louise Cachia Castelletti – Kunsillier**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

**Clayton Xuereb – Segretarju Eżekuttiv**

## Minuti

**Is-Sindku Max Zammit ippresjeda l-laqgħa.**

## 51.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

**51.1.1 Il-Minuti ġew mressqa mis-Sindku għall-approvazzjoni.**

**Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni.**

**Il-minuti ġew approvati b'mod unanimu mill-Kunsill.**

## 51.2 Komunikazzjoni mis-Sindku

**51.2.1 Sindku - Hemm problema bl-ammont ta' gabbani u issa eskalat fuq is-social media. Abbużi mil-*kiosks* hemm kemm trid. Biss il-Kunsill lokali mhux awtorita'. *Hawkers* jistgħu joqogħdu imma mhux suppost tibqa hemm mal-lejl u għallura qed ikun hemm l-abbużi. Clayton tal-gabbana ma kienx dovut l-ebda ħlas lill-kunsill u aħna m'oġġezzjonajniex u l-*enemalta* tawħ id-dawl u tagħna donazzjoni minn jgħeddu.**

**L Cachia Castelletti - Clayton suppost kellu jieħu *parking space* wieħed imma spiċċa ħa tlieta.**

**Sindku- Clayton ma ħax ħafna *parking*. Ħa wieħed u nofs.**

**L Cachia Castelletti u E Muscat - Il-*parking* naqas b'ħafna fl-*area* ta' ħdejn il-Mamma Mia minħabba li hemm ħafna *hawkers* u dan qiegħed joħloq inkonvenjent għar-residenti u għal-ħaddiema li hemm fiż-żona.**

**Louise - Il-*hawkers* għandhom ċerti regolamenti li għandhom jiġu osservati u nistgħu nikkuntatjaw id-dipartiment tal-kummerċ.**

**Sindku - Suppost iżommu ħamsin metru min wieħed sa l-ieħor u hemm regoli ta' x'suppost ibiegħu. Aħna m'aħniex awtorita' u ma nistgħux ngħidu lil xi ħadd imur biex ineħħieh. Il-Kunsill ma jistax jagħti ordni lil *guard and warden* għax ma nirregolawhomx aħna.**

**L Cachia Castelletti, E Muscat u R Portelli - Nistgħu ukoll nibagħtu il-*guard and wardens* biex jiċċekjaw id-distanzi u li qiegħdin josservaw ir-regoli u l-kundizzjonijiet tad-dipartiment tal-kummerċ.**

**E Muscat- Importanti li jekk jiġi japplika xi ħadd ieħor ma ntuħx.**

**Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li għandna niktbu ittra lill-pulizija.**

## 51.5 Rapporti

**51.5.1 L Castelletti - L-iskema tal-*Parking permits* qiegħda tiġi abbużata u**

**rridu ssiru iktar kontrolli.**

**Sindku – Ninsabu konsapevoli bil-fatt li ġieli kien hemm abbużi iżda xi ħaga posittiva hi li bhala kunsill hemm record minn kemm ilni hemm jien ta *residence* u *special parking permits.***

**E Muscat - Ir-*Residence Permit* għandu jkun għal min hu fuq ir-reġistru elettorali.**

**Sindku - Il-Permits huma għar-residenti imma jinkludu l-barranin ukoll.**

**51.5.2 Sindku - Ħa jsir *meeting* ma *Wastserv* biex tiġi diskussa il-posizzjoni tal-Kunsill Lokali fir-rigward tal-iskart organiku.**

**51.5.3 L Cachia Castelletti - L-Atlas, id-Deggi's u Ftira Cafe għandhom jitneħħew il-*bollards* u s-siġġijiet li qegħdin jitpoġġew bla permess.**

**51.5.4 F Roe u E Muscat – Għandha bżonn issir laqgħa mal-*General Cleaners* dwar il-programm il-ġdid tal-knis biex inkunu nistgħu nispjegawlu aħjar x'nixtiequ minn għandu.**

**51.5.5 L Cachia Castelletti – Għandna niċċekjaw id-data meta ħa ssir il-festa tal-Gżira biex ma taħbatx mad-data ta' meta issir l-*event* tagħna ta' *Connecting through Culture*.**

**Il-Kunsill qabel li jekk id-data tal-festa tal-Gżira ma tkunx fit-2 ta Lulju, l-*event* ta' *Connecting through Culture* issir f'din id-data fl-2017.**

## 51.3 Il-Kwotazzjonijiet ta' *LK Limited* għal xogħlijiet ta' bankini fil-lokal.

**51.3.1 Sindku – Irċivejna l-kwotazzjonijiet ta *LK Limited*. Il-kwotazzjoni ta' Triq Vjal Sir Temi Zammit tammonta għal 14,777 Ewro, Triq Augustus Bartolo tammonta għal 22,240 Ewro u Triq id-Deffa tammonta għal 10,560 Ewro. Irridu nibagħtu kollox lil perit ħalli jiċċekja l-*meterage* għax il-prezzijiet jidrhu għoljien.**

**F Roe u E Muscat – Għandna niċċekjaw il-kurduni tal-bankini li l-kunsill qiegħed jipproponi li nibdlu għax jekk għadhom tajbin dawn m'għandhomx jinbidlu.**

**F Roe – Niċċekjaw għal fondi li qiegħed joħroġ il-gvern u forsi xi fondi tal-ewropa biex forsi niffrankaw il-flus.**

**Sindku - Hija prijorita' li tittranġa l-*area* quddiem il-Blokk E5. L-*area* jistħoqqilha *embellishment*.**

**L Cachia Castelletti - Triq l-Ambaxxati qiegħda ħażin ukoll u jista jsir investiment fiha.**

**Sindku – Nistgħu nagħmlu Triq il-Halg (wara B5) tista ssir fis-sena 2018**

**E Muscat - Triq Pietru Pawl għandha titkompla ma Triq Vjal Sir Temi Zammit.**

## 51.4 Performance Bonus tal-Haddiema

**51.4.1 Il-Kunsill qabel li l-ħaddiema kollha tal-kunsill jieħdu *full performance bonus*.**

## 51.5 Il-laqgħa li jmiss ħa ssir l-Erbgħa 21 ta' Diċembru 2016.

**51.5.1 Il-laqgħa intemmet fid-9.30 ta' filgħaxija.**

**Konfermati, illum l-Erbgħa 21 ta' Diċembru, 2016.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ______________________ | ______________________ |
| **Max Zammit** | **Clayton Xuereb** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |